# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **659/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 987/2021 (AD) fl-ismijiet:**

## JUSTIN FENECH (KI 51382M)

**vs**

## SAVIOUR ATTARD (KI 543758M) U MALTA PUBLIC TRANSPORT SERVICES (OPERATIONS) LIMITED (C48875)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Saviour Attard, Malta Public Transport Services (Operations) Limited u Mapfre Middlesea plc magħmula permezz ta' rikors datat sitta (6) ta' Lulju 2021 ai termini tal-Artikoli 830(3) u/jew l-Artikoli 836(1)(c) u/jew (e) tal-Kap 12;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors preżentat quddiem din il-Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2021, Justin Fenech talab lil din il-Qorti sabiex toħroġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' Saviour Attard, Malta Public Transport Services (Operations) Limited u Mapfre Middlesea plc, u dan sabiex jiġi kawtelat allegat kreditu fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000);

3. Din il-Qorti laqgħet it-talba ta' Justin Fenech biex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 987/2021) nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2021 stess;

4. B'rikors preżentat nhar is-sitta (6) ta' Lulju 2021, Saviour Attard, Malta Public Transport Services (Operations) Limited u Mapfre Middlesea plc talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 987/2021 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 830(3) u/jew l-Artikolu 836(1)(ċ) u/jew (e) tal-Kap 12 fl-intier tiegħu;

5. B'digriet mogħti nhar l-erbatax (14) ta' Lulju 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lil Justin Fenech u appuntat ir-rikors għas-smiegħ għal nhar l-Erbgħa, wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021;

6. Illi, sussegwentement, waqt is-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021, il-Qorti innotat illi hija kienet sprovvista mir-riferti in kwantu jirrigwarda kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat, u għalhekk ordnat in-notifika tal-intimat Justin Fenech, illi ngħata sebat (7) ijiem għar-risposta min-notifika;

7. Wara illi saru diversi tentattivi bla suċċess sabiex l-intimat Justin Fenech jiġi notifikat, permezz ta' rikors ta' Saviour Attard et datat sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021, ir-rikorrenti talbu illi jiġu awtorizzati jinnotifikaw lil Justin Fenech bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. B’digriet mogħti nhar is-sebgħa (7) t’Ottubru 2021, il-Qorti laqgħet it-talba magħmula fir-rikors tas-sebgħa u għoxrin (27) ta’ Settembru 2021, u ordnat illi n-notifika ssir bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f’żewġ gazzetti lokali, waħda bil-Malti u waħda bl-Ingliż;

9. Minkejja illi l-intimat ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, ma jirriżulta illi ġiet intavolata l-ebda risposta minn Justin Fenech għat-talba ta’ Saviour Attard et magħmula permezz tar-rikors datat sitta (6) ta’ Lulju 2021.

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrati Saviour Attard u Malta Public Transport Services (Operations) Limited, kif ukoll minn Mapfre Middlesea plc**

10. B’rikors ippreżentat nhar is-sitta (6) ta’ Lulju 2021, Saviour Attard, Malta Public Transport Services (Operations) Limited u Mapfre Middlesea plc ppremettew illi:

    a. Fuq rikors ta’ Justin Fenech, din il-Qorti għoġobha tordna l-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kontra Saviour Attard u Malta Public Transport Services (Operations) Limited, u dan sabiex jiġi kawtelat allegat kreditu fl-ammont ta’ erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000) a bażi ta’ allegata “kawżali” kif deskritta fl-istess mandat;

    b. Huma kienu qed jattakkaw tali mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ai termini tal-Art 830(3) u/jew 836(1)(c) u/jew (e) tal-Kap 12;

    c. L-użu tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni BUS 645, misjuqa minn Saviour Attard u proprjeta’ ta’ Malta Public Transport Services (Operations) Limited, huwa kopert b’polza t’assikurazzjoni valida maħruġa mis-soċjeta’ Mapfre Middlesea plc, li hija kumpanija tal-assikurazzjoni reġistrata lokalment;

d. Is-soċjeta’ tal-assikurazzjoni iddikjarat fuq ir-rikors odjern, ai finijiet tal-artiklu 830(3) tal-Kap 12 illi hija qed taċċetta r-responsabbilta’ biex tħallas is-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għad-danni riżultanti mill-inċident li seħħ fit-tlieta u għoxrin (23) ta’ Jannar 2019, imsemmi fil-kawżali tal-mandat, u dan mingħajr ebda ammissjoni illi l-ammont mitlub mis-sekwestrant Justin Fenech hu in fatti dovut;

e. Għaldaqstant, ai termini tal-istess artikolu 830(3) tal-Kap 12, il-mandat kawtelatorju maħruġ mis-sekwestrant Justin Fenech għandu jiġi rexiss;

f. Fi kwalunkwe każ, jekk għal xi raġuni l-Qorti tiddeċiedi illi ma jinkorrux l-elementi kollha suffiċjenti ai termini tal-artikolu 830(3), id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ Mapfre Middlesea plc illi d-danni riżultanti mill-inċident huma koperti b’polza t’assikurazzjoni valida, għandha sservi bħala garanzija suffiċjenti ai termini tal-artikolu 836(1)(ċ) u (d) sabiex l-istess mandat jiġi revokat fl-intier tiegħu;

11. Għaldaqstant, Saviour Attard et talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju nru 987/2021 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Artikolu 830(3), u/jew l-Artikolu 836(1)(c) u/jew (e) tal-Kap 12, fl-intier tiegħu.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Sekwestrant Justin Fenech**

12. Il-Qorti tinnota illi wara diversi tentattivi bla suċċess sabiex jiġi notifikat Justin Fenech bir-rikors odjern u d-digrieti sussegwenti, huwa ġie eventwalment notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

13. Minkejja dan, is-sekwestrant naqas milli jippreżenta risposta għar-rikors fit-terminu ta’ sebat (7) ijiem min-notifika mogħtija lilu minn din il-Qorti.

**Il-Qorti**

14. Wara illi rat l-atti preżentati;

15. Reġgħet rat il-verbal tas-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju 2021, fejn ir-rikors kien tħalla għal digriet finali *in camera* wara illi Justin Fenech jingħata sebat (7) ijiem sabiex jippreżenta risposta wara illi jiġi debitament notifikat;

16. Rat it-talba ta' Saviour Attard et permezz tar-rikors tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2021;

17. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2021;

18. Rat illi Justin Fenech ġie debitament notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni;

19. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

20. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi għandha tirrileva illi r-rikorrenti, fir-rikors odjern, jagħmlu fit-tieni paragrafu u fit-talba tagħhom referenza għas-sub-inċiż (ċ) u sub-inċiż (e) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12, iżda mbagħad jagħmlu referenza fis-sitt paragrafu għas-sub-inċiż (ċ) u sub-inċiż (d) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12. Madanakollu, minkejja din id-diskrepanza, il-Qorti tikkonkludi, anke fid-dawl tal-asserzjonijiet, argumenti u sottomissjonijiet magħmula fir-rikors stess, illi r-referenza għas-sub-inċiż (d) hija biss hekk imsejħa *'żball tal-pinna'*, u li effettivament din kellha tkun referenza għas-sub-inċiż (e). Għaldaqstant, <u>il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra t-talba ta' Saviour Attard et għar-revoka tal-mandat odjern fit-termini tal-Artikolu 830(3), u tas-sub-inċiż (ċ) u sub-inċiż (e) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap 12</u>;

**(a) <u>L-Artikolu 830(3) tal-Kap 12</u>**

21. L-Artikolu 830(3) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *Meta jkun inħareġ att kawtelatorju kontra xi persuna, jew b'mod jolqot xi proprjeta' ta' dik il-persuna, sabiex titqiegħed fiż-żgur talba għal danni, u kumpanija tal-assikurazzjoni reġistrata lokalment jew bureau lokali, kif imfisser fl-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni, dik il-persuna jew dik il-kumpanija għandha permezz ta' att ġudizzjarju, ippreżentat fir-reġistru tal-istess qorti, fi żmien għaxart ijiem minn meta tiġi mitluba mill-assikurat tagħha, tiddikjara li qed taċċetta r-responsabbilta' biex tħallas is-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għal dawk id-danni, rigward it-talba magħmula f'dak l-att jekk il-persuna tinsab li hi responsabbli għal dawk id-danni –*
>
> *(a) l-assiguratur jew l-uffiċċju lokali, kif ikun il-każ, ikunu responsabbli li jħallsu s-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għal danni li jiġu kaġunati kif imsemmi;*
> *(b) it-talba għal dawk id-danni tista' titmexxa kontra l-assiguratur jew l-uffiċċju lokali direttament; u*
> *(c) l-Att kawtelatorju kontra l-persuna jkun rexiss.*

22. Minn qari ta' dan l-artikolu, il-Qorti tinnota illi r-rekwiżiti illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tintlaqa' talba għar-revoka t'att kawtelatorju ai termini tal-Artikolu 830(3)(c) huma s-segwenti:

    a. Għandu jinħareġ att kawtelatorju kontra persuna <u>JEW</u> b'xi mod jolqot il-proprjeta' tal-istess persuna, <u>U</u> kumpanija tal-assikurazzjoni reġistrata lokalment jew bureau lokali;

b. L-att kawtelatorju jrid ikun sar bl-intiż illi titqiegħed fiż-żgur talba għal danni;

c. Il-persuna JEW il-kumpanija għandhom jippreżentaw att ġudizzjarju fir-reġistru tal-Qorti illi permezz tagħha jiġi dikjarat illi l-persuna jew il-kumpanija qed taċċetta r-responsabbilta' sabiex tħallas is-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għal dawk id-danni, rigward it-talba magħmula f'dak l-att jekk il-persuna tinsab li hi responsabbli għal dawk id-danni;

d. Tali dikjarazzjoni trid issir fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tiġi mitluba mill-assikurat tagħha;

23. Il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti illi ġew preżentati, u, għalkemm mad-daqqa t'għajn kien jidher illi kien hemm lok illi japplika l-Artikolu 830(3) għall-każ odjern, eventwalment irriżultalha illi dan mhux il-każ. L-Artikolu 830(3) jagħmilha ċara illi l-att kawtelatorju għandu jinħareġ kontra l-persuna **u** kumpanija tal-assikurazzjoni reġistrata lokalment jew bureau lokali. Saħansitra anke fit-test Ingliż, huwa stabbilit illi l-att kawtelatorju għandu jkun inħareġ *"against any person [...] **and** a locally registered insurance company or local bureau thereof"*. L-użu tal-konjugazzjoni *"u" / "and"* tagħti lill-Qorti x'tifhem illi sabiex tapplika l-proċedura fl-Artikolu 830(3) tal-Kap 12, mhux biżżejjed illi l-att kawtelatorju jkun inħareġ kontra l-persuna illi mingħandha s-sekwestrant ikun qiegħed jippretendi ħlas ta' danni, iżda għandu jkun inħareġ ukoll kontra kumpanija tal-assikurazzjoni reġistrata lokalment jew bureau lokali;

24. Dan mhux il-każ fil-każ odjern, fejn l-att kawtelatorju nħareġ biss fil-konfront ta' Saviour Attard u Malta Public Transport Services (Operations) Ltd. Is-soċjeta' Mapfre Middlesea plc ma kienet qatt parti fil-proċeduri odjerni, u daħlet biss bħala rikorrenti fir-rikors odjern. Għaldaqstant, għalkemm huwa minnu illi d-dikjarazzjoni ta' Mapfre Middlesea plc fir-rikors odjern setgħet effettivament tikkostitwixxi dikjarazzjoni ai termini tal-Artikolu 830(3) tal-Kap 12, ġialadarba l-att kawtelatorju ma nħariġx fil-konfront ta' Mapfre

Middlesea plc ukoll, il-Qorti hija tal-fehma illi xorta waħda m'għandux applikazzjoni l-Artikolu 830(3) għall-każ in eżami;

25. Jirriżulta għalhekk illi fin-nuqqas ta' wieħed mir-rekwiżiti sabiex japplika l-Artikolu 830(3) għall-każ odjern, **ma tissussistix ir-raġuni għal revoka ai termini tal-Artikolu 830(3) tal- Kap 12**.

**(b) L-Artikoli 836(1)(ċ) u (e) tal-Kap 12**

26. Fl-ewwel lok, l-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[1], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet alternattivi, u mhux kumulattivi. Isegwi għalhekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

27. L-Artikolu 836(1)(ċ) jipprovdi għal revoka t'att kawtelatorju fil-każ illi *"jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjoni tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni"*. Mill-banda l-oħra, l-Artikolu 836(1)(e) jipprovdi għal revoka t'att kawtelatorju fil-każ illi, *"il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed"*;

28. Rigward is-sub-inċiż (ċ) ingħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***L&M Camilleri Limited vs Panor Limited***[2] illi:

> *"Biex ikun jista' jingħad li hemm garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-kreditur esekutant skond dan l-artikolu, irid jintwera li tali garanzija tinstab fi ħdan il-persuna tad-debitur esekutat. Di piu', f'materja ta'*

[1] Emfasi tal-Qorti
[2] Rikors Nru 1080/21 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 1282/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 6 ta' Diċembru 2021

*garanzija xierqa alternattiva, il-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realizzabbli lill-eżekutant (ara fost oħrajn* ***Digriet tat-18 ta' Settembru 2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet John Zarb vs Port Cottonera Ltd, Digriet tal-5 ta' Ġunju tal-2003 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** *u* ***Digriet tat-3 ta' Awwissu tal-2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri pro et noe et****).”*

29. Mill-banda l-oħra, f'dak illi jirrigwarda l-artikolu 836(1)(e), ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Raymond Mifsud vs Jesmond Micallef***[3] illi:

*“Din il-parti tal-liġi trid tinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi hekk:*

*“Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 870 u tal-artikolu 357 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, dawk l-atti msemmijin fis-subartikolu (1) jiġu mħassra, kemm-il darba l-parti li kontra tagħha l-att ikun ġie maħruġ, tagħmel depożitu jew tagħti garanzija illi, fl-opinjoni tal-qorti, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikunu biżżejjed biex iqiegħdu fiż-żgur il-jeddijiet jew il-pretensjonijiet imsemmija fl-att, jew jekk jintwera li l-att ġudizzjarju li bih tiġi aċċettata r-responsabbilita' kif imsemmi fis-subartikolu (3) ġie preżentat fir-reġistru xieraq.”*

[3] Rikors Nru 1058/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 370/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 15 ta' Frar 2021

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xorta ta' garanzija hija differenti minn dik li jipprospetta l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12, li ser ikun trattat aktar 'l isfel. Ai fini tas-subinċiż (e), din il-garanzija trid tkun* ***"mogħtija" ex post facto*** *u cioe wara li jkun inħareġ il-mandat. Din tista' anke ssir permezz ta' depożitu. Jekk dan ikun biżżejjed biex tissodisfa u tkopri l-pretensjoni, il-mandat għandu jitneħħa. Mentri, dik ix-xorti ta' garanzija taħt is-subinċiż (ċ) trid tkun waħda esistenti, jiġifieri li tesisti* ***fil-mument li nħareġ il-mandat****. [...]*

*Il-Qorti ssostni li biex garanzija tkun konformi mal-kwalitajiet rikjesti minn dan l-artikolu, il-kreditur irid ikollu moħħu mistrieħ, li fir-rejalizzazzjoni ta' dik il-garanzija, mhux raġjonevolment mistenni li jiltaqa' ma' xi ostakoli biex jitħallas. Dan ma jfissirx li dawn l-ostakoli jridu jkunu jidhru jew jesistu fil-mument tal-esistenza tal-garanzija; hija biżżejjed il-potenzjalita' jew il-possibilta' li jirrikorru dawn l-ostakoli.*

30. Fil-każ odjern, il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn is-sekwestrant talab il-ħruġ tal-mandat odjern sabiex jikkawtela allegat kreditu fl-ammont ta' erbgħa u għoxrin elf Ewro (€24,000). Milli tista' tifhem il-Qorti mill-kontenut tar-rikors odjern, jidher illi tali allegat kreditu jirrappreżenta danni allegatament dovuti wara inċident li seħħ fit-23 ta' Jannar 2019. Il-mandat in eżami intalab biss fil-konfront ta' Saviour Attard u tas-soċjeta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited. Madanakollu, ir-rikors odjern ġie intavolat minn Saviour Attard, minn Malta Public Transport Services (Operations) Limited, u kif ukoll mis-soċjeta' assikuratriċi Mapfre Middlesea plc. Din tal-aħħar tiddikjara fl-istess rikors illi hija qiegħda *"taċċetta r-responsabbilta' biex tħallas is-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għad-danni riżultanti mill-inċident li seħħ fit-23 ta' Jannar tas-sena 2019"*. Ir-rikorrenti sekwestrati qed jikkontendu illi din id-dikjarazzjoni u l-polza t'assikurazzjoni nnifisha għandhom iservu ta' garanzija ai termini tal-artikolu 836(1)(ċ) u/jew (e);

31. Ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'sitwazzjonijiet simili illi:

> *Sabiex jingħad li teżisti garanzija xierqa jeħtieġ jintwera li tali garanzija tinstab fi ħdan il-persuna sekwestrata. Ingħad fil-fatt li 'Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor.'*
>
> *It-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assikurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet ta' din id-disposizzjoni tal-liġi ma jwassalx, ġeneralment, għat-tħassir tal-Mandat, u dan għaliex il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn l-assikurat u l-assikuratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss jeddijiet favur il-kreditur tal-assikurat.*[4]

32. Il-Qorti tinnota illi għalkemm saret dikjarazzjoni mis-soċjeta' Mapfre Middlesea plc illi hija kienet lesta tassumi responsabbilta' għall-ħlas ta' danni fl-eventwalita' illi tali danni jirriżultaw dovuti lis-sekwestrat:

    (a) ma ġiet preżentata mis-sekwestrati l-ebda kopja tal-polza t'assikurazzjoni, b'tali mod illi l-Qorti tista' tindaga jekk tali polza hix xierqa u biżżejjed b'tali mod illi tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikoli836(1)(ċ) u/jew (e); u

    (b) fi kwalunkwe każ, is-soċjeta' Mapfre Middlesea plc hija terza persuna għall-fini tal-proċeduri odjerni, u, għaldaqstant, kwalsiasi dikjarazzjoni illi tista' tagħmel ma tista qatt isserraħ moħħ il-Qorti illi hija 'garanzija' xierqa u suffiċjenti illi a bażi tagħha jista' jiġi revokat

[4] Rik Nru 1290/2018 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 2042/2018 fl-ismijiet ***Charlette Ciantar vs Dr Katiucha Gatt Galea***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 21 ta' Frar 2019. Ara wkoll Rik Nru 740/2010 fl-ismijiet ***LK Limited Żebbuġ Malta vs Adrian Zammit***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 29 ta' Settembru 2010

il-mandat odjern. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi tali dikjarazzjoni lanqas biss ġiet, mill-inqas, konfermata bil-ġurament.

33. Il-Qorti kienet tistenna illi, mill-inqas, ir-rikorrenti jippreżentaw kopja tal-polza t'assikurazzjoni jew xi forma ta' rapport jew dikjarazzjoni ġuramentata minn diriġenti tas-soċjeta' Mapfre Middlesea plc illi permezz tagħhom jiġi konfermat dak illi s-soċjeta' assikuratriċi qiegħda, skont ir-rikors odjern, tipprova tiggarantixxi; iżda r-rikorrenti m'għamlu xejn minn dan;

34. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, il-Qorti tqis illi kwalsiasi polza tal-assikurazzjoni illi biha huma koperti s-sekwestrati ma tistax titqies bħala garanzija xierqa ai termini tal-Artikoli 836(1)(ċ) u/jew (e), u konsegwentement **ma jissussistux l-elementi rikjesti sabiex jiġi revokat il-mandat odjern ai termini tal-istess artikoli**.

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet kollha** tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, l-Erbgħa, 29 ta' Diċembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**